MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 258/2002/1

**Lora Cascun**

**Vs**

**Simone Zammit Endrich bhala awtrici tal-kitba u Noel Grima bhala Editur**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu ikkundannati li jhallsu lill-attrici s-somma  li ghandha tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 28 ta' l-Att XL ta' l-1974 dwar l-Istampa (KAP 248 tal-Ligijiet ta' Malta), minhabba malafama li l-ghan taghha huwa li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-attrici fis-sens ta' l-Artikolu msemmi u dana risultanti minn dak miktub, stampat u ppublikat fl-artikolu intitolat "Zammit Clap(p)trap", fil-harga ta' The Malta Independent" tat-3 ta'

Dicembru, 2001 li ghalih il-konvenuti, fil-kapacita' taghhom rispettiva, kienu responsabbli skond il-Ligi.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Kif ukoll rat l-artikolu in esami esebit, in fotokopja a fol 2 u fol 3 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut Fr. Noel Grima (a fol 11 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Illi fil-kitba ppubblikata m'hemm xejn li jaghti malafama lill-attrici.  L-istampa ghandha l-funzjoni ta' public watchdog fi kwistjonijiet li huma ta' interess pubbliku.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment id-digriet moghti fid-19 ta' Dicembru 2002 in rigward il-kontumacja o meno tal-konvenuta (fol 82 u fol 83 u fol 90 tal-atti).  Id-digriet ulterjuri moghti fil-11 ta' Novembru 2003 (fol 91 sa fol 92A tal-istess atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenuta (fol 97 ibid) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-artikolu li gie ppubblikat f'*The Malta Independent* jirrigwarda d-deterjorament tas-servizz ghall-kura ta' l-anzjani gewwa l-Isptar Zammit Clapp dovut ghal problemi ta' nuqqas ta' staff.  L-artikolu m'huwiex libelluz izda jikkostitwixxi esercizzju tad-dritt ghall-liberta' ta' espressjoni dwar istituzzjoni ghall-kura ta' l-anzjani mhallsa minn fondi pubblici. Ghalhekk, il-kitba in kwistjoni hija permissibbli f'socjeta' demokratika sabiex ikollha stampa hielsa b'funzjoni ta' *public watchdog*.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat dak verbalizzat a fol 101, 107, 114 u fol 115 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, in rigward dak allegat minnha fl-avviz in esami, issostanzjat dan permezz ta' affidavit li jinsab a fol 17 et seq tal-atti kif ukoll permezz ta' diversi dokumenti minn fol 22 sa fol 71 tal-istess atti. Inoltre in sostenn tal-istess talba, l-attrici ipproduciet tlett xhieda ossija Maria Bondin (fol 73 u fol 74 ibid), Phyllis Micallef (fol 75 u fol 76 ibid) u Josephine Lyon (fol 77 u fol 78 ibid).

Illi, pero', il-konvenuti avolja inghataw opportunita ampja sabiex jipproducu xi prova in sostenn ta' dak eccepiet minnu ma ressqu ebda prova in sostenn ta' dan, liema fatt jirrisulta mill-verbali tas-seduta li nzammu u mid-digrieti li inghataw mill-Qorti sabiex l-istess konvenuti jkunu jistghu jipproducu l-provi 'in difesa'.

Ikkunsidrat

Illi l-attrici, ampjament ipprovat illi dawk il-partijiet immarkati u enumerati minnha stess fl-artikolu in esami esebit minnha a fol 22 tal-atti jikkostitwixxi malafama fil-konfront taghha, fil-kawza taghha ta' "Hospital Nursing Manager" fl-Isptar gerjatriku involut.

Illi, pero', da parti tal-konvenuti, ma tressqet ebda prova sabiex jistghu jsostnu illi dak allegat fl-sitess artikolu jikkostitwixxi fatti jew 'fair comment' bazat fuq fatti u ragjonevolment gustifikat f'socjeta demokratika.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ikkunsidrat

In rigward il-'quantum' ta' risarciment, qed tigi ffissata somma 'arbitrio boni viri' sabiex tithallas mill-awtrici tal-artikolu u mill-Editur tal-gazzetta involuta meta giet stampata u pubblikata l-harga tal-istess gazzetta kontenenti l-istess artikolu.

Illi tali risarciment qed jigi likwidat fil-konfront tal-konvenuta bhala awtrici fis-somma ta' Lm300 u fil-konfront tal-konvenut bhala Editur, fis-somma ta' Lm200.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kariga tieghu premessa sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm200 u lill-konvenuta sabiex thallas lill-istess attrici s-somma ta' Lm300, b'kollox Lm500 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------